# GĦANJIET IL-MILIED

Operetta originali

ta' ~~Sur~~ Pawl Caruana.

gh

Prologu.

(1) ~~L-ewwel Għanja:~~ Ejja fostna.

KOR.

Ħerqanin nistennew li jiġi fostna
Il-Mulej, Sid ewlieni tagħna l-qlub
Ħerqanin nitolbuk, Missier min dejjem
Tibgħat 'l Ibnek jifdina lkoll mid-dnub.

Ejja fostna, Mulej, Iben Alla,
Ejja fostna, Sid tagħna, Feddej,
Kun għalina Sultan mimli tjiena
Kun għalina ir-Ragħaj u l-Mexxej.

Żmien twil ilu l-profeti u l-għorrief tagħna
Ħabbru lilek Sultan li qatt ma tmut
Ejja fostna la ddum, ja Mexxej tagħna,
Fittex twieled biex tkun Sultan tal-Lhud.

Ejja fostna, Mulej, Iben Alla
Ejja fostna, Sid tagħna, Feddej.
Kun għalina Sultan mimli tjiena
Kun għalina ir-Ragħaj u l-Mexxej.

## (2) L-ewwel Kwadru - L-Anglu Gabriel iħabbar it-twelid tal-prekursur.

Narratur, Zakkarija, Gabriel, Kor.

Nar. F'jiem Erodi,
sultan tal-Lhudija,
kien hemm saċerdot jismu Zakkarija,
~~mill-ġens ta' Abija~~, –
u martu kienet mill-bniet ta' Aaron,
u jisimha Elizabetta.

It-tnejn kienu tajbin quddiem Alla,
jimxu bla nuqqas fil-kmandamenti
u l-liġijiet kollha tal-Mulej,
Ma kellhomx ulied,
għax Elizabetta ma kienitx għammiela,
u t-tnejn kienu mxew 'il quddiem
fil-jiem tagħhom.

Iżda ġara
li meta kien qiegħed jiffunzjona

* u dehielu l-Anglu tal-Mulej,
fil-lemin ta' l-artal ta' l-inċens.

bħala saċerdot quddiem Alla,
skond meta mess lilu,
kif kienet id-drawwa tas-saċerdozju,
ġiet lilu x-xorti,
Lk. 5-11 biex jidħol fit-tempju tal-Mulej
u joffri l-inċens.

*

Jinftaħ is-separju fejn jidher
is-saċerdot Żakkarija jinċensa
l-artal. L-ewwel Xena.

– It-Talba ta' Żakkarija –

ZAK. Mulej qaddis ta' Abram u Ġakobb
Bil-qima kollha nersqu lejk
It-talb tal-poplu miġbur hawn f'riġlejk
Isma' mingħajr dewmien.

KOR Mulej wri tħniena ma' wliedek dgħajfin
Li niedma jersqu f'riġlejk
Ismagħha l-karba tal-qlub torqanin,
Nistennew il-Feddej.

ZAK. Mulej qaddis ta' Aaron u Mosè

ZAK. Mulej qaddis ta' Aaron u Mosè
Li ħlistna minn kull tfixkil
Għalina fraqt l-ilma tax-xmara Nil
Ismagħna bla dewmien.

KOR. Mulej wri ħniena ma' wliedek dgħajfin
Li niedma nersqu f'riġlejk
Ismagħha l-karba tal-qlub ħerqanin,
Nistennew il-Feddej.

It-tieni xena. L-Anġlu u Zakkarija.

ĠAB. Sliem għalik, Zakkarija saċerdot
Jien l-Arkanġlu Gabriel, t'Alla l-kbir
La tibżax, Zakkarija, għax għandi għalik
Aħbar tajba ta' l-akbar tifsir

Għaliex martek ma ddumx ma ssir omm
Sibtu xorti quddiem il-Mulej,
Dan it-tifel Ġovanni sejrin issemmugħ
Għax se jħejji t-triq għall-Feddej

Zakkarija jitħawwad u jintela' bil-biża.

ŻAK. Gabrieli jiena nemmnek ma nistax
Jien u marti llum xjuħ u kbar
Kieku Alla ried lilna jagħtina l-frott
Dan kien jagħmlu met'aħna konna żgħar.

GAB. La darb'inti ma lqajtx dina l-aħbar
Prova ntik għax ilsienek iżomm
U sakemm dit-tarbija tingħata għad-dawl
Kelma oħra int ma tlissinx mill-fomm.

L-Anġlu u Żakkarija iwarrbu.

It-tieni Kwadru. It-tiġ tal-Madonna.
Marija, Ġużeppi, Saċerdot u r-rgħajja.

NAR. Kienet drawwa f'dak iż-żmien
u l-liġi kienet trid
li t-tfajliet Lhudin jiżżewġu meta jilħqu l-età,
biex meta Alla jgħoġbu
jagħżel lilhom
u jibgħat il-Feddej imwiegħed.

Il minn Marija
bint Anna u Gwakkin
jingħad
li l-Mulej nebbatha
biex tagħżel b'għarus tagħha
lil dak iż-żagħżugħ
li fuqu tinżel ħamiema bajda
jew li ġilju bajdani jwarrad mill-bastun tiegħu.
Il dan il-bniedem kien Gużeppi
il-mastrudaxxa ta' Nazzaret.

Wasal iż-żmien
u t-tnejn flimkien,
Guzeppi u Marija
telgħu fit-tempju
biex jagħtu l-kelma ta' għerusija lil xulxin.

Xena muta: is-saċerdot iżewweġ
lil Guzeppi u Marija.

Iż-żifna tar-rgħajja. Wara ż-żifna
Guzeppi, Marija u s-saċerdot jibqgħu
in xena.

Marija tikkonsagra xbubitha.

MARIJA

Mulej qaddis t' Abram u Ġakobb
Mimlija tama fik
Li tibgħat fostna l-Feddej tal-ġnus
Jiena xbubiti għal dejjem qegħda nagħtik.

Nikkonsagralek il-verġinità
Li nibqa' ngħozzu nżomm
Bħal debba biex tifdi l-umanità
Jiena qed nieħad id-dritt ta' omm.

Palk jiddallam.
Joħorġu Ġużeppi u s-saċerdot.
Marija toqgħod għarkubtejha fuq ġinokkjatur.

It-tielet Kwadru – L-anġlu jħabbar
lil Marija.

Narratur, Marija, Gabriel – imbagħad ~~ngħajja~~ anġli, Ġużeppi
KOR

NAR.

Fil-milja taż-żmien
Alla reġa' bagħat ~~f~~ l-Anġlu Gabriel
fil-belt tal-Galilea,

imsejha Nazzaret,
biex jaghti l-bxara
lil Marija, mart Gużeppi,
li l-Mulej Setghani
ghogbu jhares lejn xbubitha
u jaghżilha
b'Omm il-Feddej u s-Salvatur
tad-dinja.
Qal l-anglu lil Marija:

1 Xena. — L-anglu u Marija.

Gabriel — Tibżax, ja Xebba, jien Gabriel
T'Alla l-kbir il-qaddej,
Int xorti ~~[illegible]~~ sibt quddiem il-Mulej
Ghax se ssir Omm l-Iben tieghu.

Is-sliem ghalik, o Marija,
Bil-grazzja mimlija Int,
Ghax kif int tilqa' dil-kbir 'ahbar
Omm Alla int tkun sirt.

Marija. — Gabriel, jien 'l Alla kkonsagrajt
Xbubiti safja sal-mewt

Għalhekk ma' Sidi ma nimxix sew
Jekk ħ-niksir il-wegħda tiegħi

Gabriel

Int tibqa' sebba Marija
U fl-istess ħin t'Alla Omm,
Għaliex minn Ruħ il-Qdusija
Int ser tinbidel f'Omm.

Marija

Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej
Isir minni skond kelmtek.

2 Xena. Marija mdawwra bl-angli.
Ma' Gabriel jissieħbu oħrajn biex
jagħtu tifħir lil Marija Immakulata.

KOR.

Bla tebgħa int Marija
Int l-għaxqa tal-ħolqien
Safja aktar minn kull bjuda
U ġilju tal-widien.
Għaffiġt ras is-serp infernali
Li qarraq lil missirn'ewlenin
Bla tebgħa int Marija
Omm t'Alla u tal-bnedmin.

Bla tebgħa int Marija
Int Xebba u Omm fl-istess ħin
Magħżula fost in-nisa
Sultana tal-bnedmin.

Għaffiġt ras is-serp infernali
Li qarraq lil nisilna 'ewlenin
Bla tebgħa int Marija
Omm t'Alla u tal-bnedmin.

3 Xena. Iż-żifna ta' l-Anġli.
Malli tintemm iż-żifna l-palk
jibqa' battal imbagħad

4 Xena: L-anġlu jħabbar lil
Ġużeppi.
Narratur - Ġużeppi - Gabriel - Kor.
Waqt li n-narratur jgħid il-
parti tiegħu, Ġużeppi mħasseb u
mnikket jidħol in xena.

HAR. Dawn il-jiem ta' ferħ għal Marija

sfaw ta' tigrib
għall-maħbub tagħha Ġużeppi.
Huwa għad ma kellu l-ebda ħjiel
ta' dak li qed iseħħ!
Meta ntebaħ bil-qagħda ta' martu
huwa ma setax jaħseb ħag'oħra,
għajr li Marija kisret il-wegħda tagħha.
Ġużeppi sab ruħu bejn ħalfejn
- jew iressaqha quddiem it-tribunal
- jew iħalliha bil-kwiet il-kwiet.
Imma jagħmel x'jagħmel
kien iħoss li ser itelfilha ġieħa
- ħaġa, li lanqas biss rieda tgħaddilu minn
moħħu!....
Iżda l-jum tal-prova ta' Ġużeppi
kienu waslu.
Deherlu l-anġlu tal-Mulej u qallu:

Gabriel

Ġużeppi, iben ta' David
Tibżax b'martek tieħu lil Marija
Għaliex minn Ruħ il-Qdusija
Fid-dinja tarkija se' ġġib.

Hi sejra ssir Omm l-Iben t'Alla
W int tiegħu missier protettur
Magħżul mill-Mulej
Biex tkun il-qaddej
Li żżomm l-għaġeb t'Alla mistur.

KOR

Jirrepeti l-kant ta' l-anġlu.
Palk jiddallam u jitnehha kollox.

Ir-raba Kwadru – Tislima ta' Elizabetta
lil Marija.

Elizabetta, Marija, KOR, Narratur.

Narratur.

F'dak iż-żmien
Marija telqet bil-għaġġla lejn il-għolja,
lejn il-belt ta' Ġuda
u daħlet f'dar Żakkarija
u sellmet lil Elizabetta.
Malli semgħet it-tislima ta' Marija,
Elizabetta,
qabżet bil-ferħ it-tarbija f'ġufha,
u mtliet Elizabetta bir-Ruħ il-Qodos.

**Eliz.** Sliem ghalik Marija Omm Alla
Fost in-nisa mbierka int
U mbierek il-frott safi
Li 'go qalbek mort nissilt.

Inti sirt l-Omm t'Iben t'Alla
Sirt Bint il-Missier Etern
T'Alla r-Ruh int sirt l-gharusa
Shaqt ras l-ghadu ta' l-infern.

**Marija** Ruhi tfahhar il-Mulej.

**Kor** Ir-ruh umli tieghi tifrah f'Alla Salvatur

**Marija** Ruhi tfahhar il-Mulej.

**Kor** Ghax ra 'l-qaddejja tieghu umli w fqira.

**Marija** Minn issa kull nisel jara fija l-helsien.

**Elizabetta** Ghax min kbira ghamlek huwa Sid ta' kull holqien.

| | |
|---|---|
| Marija u Kor | Qaddis hu l-isem tiegħu<br>Hu għamel ħwejjeġ kbar<br>Ll ma' min jibza' minnu<br>Hu jurí ħniena mar. |
| Marija | Ruħi tfaħħar il-Mulej (etc). |
| Marija u Kor. | Lill-kburi ried ixejjen<br>Lill-umli ried jgħollieh<br>Lill-għani biegħed minnu<br>Lill-fqir ~~[illegible]~~ bil-gid imlieh. |
| Marija | Ruħi tfaħħar il-Mulej. |
| Marija u Kor. | Qaddis hu l-isem tiegħu u<br>Jisthoqq kull ġieħ. |

Il-ħames kwadru - Il-bxara tal l-anglu lir-rgħajja.

Waqt li n-narratur jaqra l-parti tiegħu

ir-rgħajja jieħdu posthom fuq il-palk.

Narratur, ~~Anglu~~, Gabriel u Angli, Rgħajja, Kor.

Narratur. U ġara li f'dak iż-żmien, Cesri Awgustu,
l-imperatur tas-saltna Rumana,
ħarġet digriet li fih ikkmanda
li kulħadd irid iniżżel ismu
fil-belt tan-nisel tiegħu.
U billi Ġużeppi kien minn nisel ta' David
ħtieġlu jħalli Nazzaret
u jmur fil-belt ta' David – Betlem.
Miegħu kienet Marija, ~~l-għarusa~~
li kienet fiż-żmien tat-tqala.
Fittxew għand il-ħbieb u l-qraba,
ħabbtu kull bieb tal-lukandi,
iżda għal Marija u Ġużeppi
ma kien hemm l-ebda rokna.

U kien hemm ragħajja fl-istess lok
~~jishru u jgħassu jħarsu l-għases tal-lejl~~
jishru u jgħassu fuq il-merħliet tagħhom
matul il-lejl.

## 1 Xena. L-Għanja tar-ragħajja.

**Ragħaj** (solo)

Ħarsu 'l fuq, ja rgħajja sħabi,
Ara xi bjuda fis-smewwiet
Ara bil-kwiekeb kollha ~~jpeptpu~~ jteptpu
Din is-sema kif intliet.

**Kor**

Ara x'kewkba misterjuża
Bid-dawl tisboq lil kulħadd
Żgur li twieldet kewkba ġdida
Bħala żgur ma rajna qatt
Din żgur kewkba ta' sliem u hena
Li ser tfarraġ lil kulħadd.

**Ragħaj**

Ħarsu ftit dil-kewkba ġdida
Donnha nieżla ftit ftit lejn l-art
Dan hu għaġeb liema bħalu
X'biża' waqa' fuq kulħadd.

**Kor.**

X'biża' kbira qed jaqa' fuqna
Donnu qed joqrob it-tmiem
Dina l-kewkba misterjuża

Żgur li mhiex ta' paċi u sliem
x'biża' kbir qed jaqa' fuqna
Donna qed joqrob it-tmiem.

2 Xena. Il-bxara tal-Anġlu.

Anġlu

Tibżgħux ja rgħajja u mtlew bil-ferħ
Jien l-anġlu tal-Mulej
Ifirħu lkoll għaliex f'dal-lejl ta' ksieħ
Nizel fid-dinja twieled, Kristu Feddej.

Bin Alla ħaj, imwieled ġo għar
Messija mwiegħed miż-żmien
Ġo Betlemm, sewwa fejn ir-raġġ mitfugħ
Tal-kewkba ġdida, kewkba ta' sliem.

Anġli.

Glorja, ġieħ u glorja
Glorja 'l Alla fis-smewwiet
U paċi lin-nies twajba
Paċi, barka u sliema.

Glorja, ġieħ u glorja etc.

Rgħajja

Ejjew immorru Betlem flimkien
Naraw lil kbir Feddej.
Tarbija umli ġo għar fqir bla kenn
Is-Sultan tagħna, Bniedem fqir u Mulej.

Ejjew immorru Betlem flimkien
Tarbija biex naraw
Divin Messija, Alla tal-bnedmin,
Inħaffu mmorru biex naduraw.

Anġli

Glorja, għeh u glorja
Glorja 'l Alla fis-smewwiet
U paċi lin-nies twajba,
Paċi, barka u sliem.

– Kulħadd iwarrab –

Is-sitt Kwadru – It-Tlett Slaten.

Narratur, Gaspar, Melchior,
Balthasar.

Nar.

Fil-Lvant dehret kewkba tiddi aktar
mill-oħrajn,
u waqt li tlett slaten,

Starting no poetry.

minn pajjiżi 'l bogħod minn xulxin
kienu 'l fuq qed jgħarrxu
biex is-sema jistudjaw
baqgħu wisq it-tlieta mgħaġġba
u ma sabux ilsienu kliem.
Ħasbu t-tlieta
bejnhom u bejn ruħhom
żgur li twieled ir-re tas-sliem.
Qabdu dlonk, rikbu l-iġmla
u telqulha għal għonq it-triq
kulħadd waħdu jaħseb
x'jista' jkun qatt dan l-għelm misterjuż.
Fuq it-triq ta' Betlem twila
Wiċċ imbwiċċ ġew ma' xulxin:

Gaspar u Melchiorre jiltaqgħu
~~Is-slaten jiltaqgħu flimkien~~

Gaspar

Is-sliem Melchiorre
Sultan tas-Syria
Għidli x'ġejt tagħmel
F'dawn in-naħat?

Jidħol Balthasar.

| | |
|---|---|
| Balthas. | Is-sliem għalikom. |
| Gasp. u Melchior | Sliem għalik. |
| Balthas. | Jiena Balthassar,<br>Sultan ta' l-Indi<br>Din laqgħa ta' bla ħsieb. |
| Melch. | Jien Melchiorre<br>Sultan tas-Syria<br>Rajt kewkba ġdida fuq il-Lvant. |
| Gasp. u Balth. | U jiena bħalek<br>Rajt il-kewkba ġdida<br>U tlaqt għal triqti<br>Lejn il-Lvant. ? |
| | Orchestra. |
| Gaspar | Mel'aħna t-tlieta<br>Dlonk issaħħarna<br>X'hin kewkba ġdida<br>Rajna fis-smewwiet. |

Balth. | Kewkba tal-ghaġeb

Gas. u Mel. | Paċi u sliem.

Bal. | Issa la ltqajna
Żgur hawn xi Alla
Li niżel mis-smewwiet.

Mel. | Alla sar bniedem
Kewkba segwitu
Żgur li qed ighix
F'dawn in-naħiet

Gas. | Sultan tas-slaten
Twieled ġo fostna
Ejjew ha mmorru nsibuh.

## Jitħorġu flimkien.

Is-seba kwadru. – Twelid ta' Ġesù –
NARRATUR — Ġesù Tarbija. Marija. Ġużeppi.
Angli, Rgħajja,
Elisabetta, ~~Anna~~ Żakkarija, Anna, Ġwakkin,
Is-slaten Maġi.

NAR.

Fqir, imkikki, bis-saħta fuq rasu
Tal-għedewwa mill-qilla midrub
Kien il-bniedem jiġġerra ~~fid-~~ mad-dinja
Qalbu mgerrma mis-susa tad-dnub

3 versi.

Għatrab minnek kbir Alla li ħlaqtu,
Li ta' wiċċek żejjintu bil-ġmiel
Għatrab minnek, il-hena ta' ħajtu,
Li tal-ġenna kont tajtu xi ħjiel.

Iżda l-Ħniena, sebħitek minn dejjem
Tal-Ħaqq tiegħek il-qilla wittiet
U fil-wegħda tal-fidwa darb'oħra
Qalb l-imsejken bil-faraġ imliet.

Reġgħet seħħet ftehima qawwija
Ħaqq u sliema taw bewsa 'l xulxin:
Reġgħet firxet it-Tama sabiħa
Bħal qawsalla fuq ras il-bnedmin.

U l-għerf tiegħek, kbir Alla, wettaqha
Dik it-tama mal-mixja taż-żmien;
Stama' leħnek minn fomm il-profeti,
Tal-Feddej ġriet l-aħbar kullimkien.

Mill-għamara moħbija tas-sema,
Dik il-Kelma li minnek nissilt
l-Iben tiegħek, il-Ħaxqa ta' ħajtek
Li bih l-għaqda tal-ħlejjaq seħsilt;

Il-aħbar sikta ta' lejla xitwija
Ta' swiitna fil-faqar miġbur
Nizel fostna biex dnubna jitħassar
Biex it-toqol tal-jasar imur.

Tinfetaħ it-Tieni Purtiera
Fejn jidher Ġesù Tarbija fi ħdan
Marija; Ġużeppi magħmhom.

1 Xena. Glorja ta' l-Angli.

(Kor tal-Angli) Glorja 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet)

Kor
tal-Angli

Glorja 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet
Glorja 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet
U paċi fl-art, ferħ, barka u sliem
Paċi 'l bnedmin – paċi 'l bnedmin
Paċi 'l bnedmin, umli u twajbin
Li lejn Ġesù bl-imħabba resqin.

2 Xena. Jaslu r-rgħajja
bir-rigali f'idejhom, u waqt
il-kant iqegħduhom f'riġlejn Ġesù.

Kor
tar-Rgħajja.

Ara wh tarbija Alla tal-ġnus
Ejjew ħa nadurawh
Il-ftit rigali tal-qlub ~~fqar~~ tagħna fqar
Inħallu ħdejn riġlejh u nadurawh
Arawh tarbija s-sultan tal-qlub
Għalina midimbin
It-tron tal-ġenna ħalla biex jifdina
U twieled fostna ċkejken Bambin.

3 Xena. Glorja ta' l-Anġli
u z-żifna tar-rgħajja.
Waqt il-kant ta' l-anġli, r-rgħajja jiżfnu.

| | |
|---|---|
| Kor tal-Angli | Glorja 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet<br>etc. |
| | 4 Xena. Elizabetta u Żakkarija<br>Anna u Gwakkin fil-grotta. |
| Eliz. u Żakk. | Sliem għalik Alla tarbija<br>Sultan tagħna ngimuk,<br>Veru Iben ta' Marija<br>L-art u s-sema ġieħ jagħtuk. |
| Anna u Gwak. | In-nanniet ta' l-Iben t'Alla<br>M'aħniex denji ta' l-unur<br>O Marija, O Ġużeppi<br>Hudu ħsieb is-Salvatur. |
| Marija | Ruħi tfaħħar il-Mulej |
| Marija u Kor. | Qaddis hu l-isem tiegħu<br>Hu għamel ħwejjeġ kbar<br>U ma' min jibża' minnu<br>Hu jwri ħniena mar. |

| | |
|---|---|
| Marija | Ruħi tfaħħar 'il Mulej. |
| Marija u Kor. | Qaddis hu l-isem tiegħu u jisthoqq kull ġieħ. |
| Kor tal-Angli | Glorja 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet etc. |

5 Xena. Il-wasla tas-Slaten Maġi.

| | |
|---|---|
| Gaspar. | Sultan tas-Slaten, deheb jien noffrilek<br>Sliem, ġid u hena, ikollok fuq din l-art. |
| Kulħadd | Ninżlu lkoll ha naduraw h. |
| Melchior | Nagħref bħala bniedem - u l-morr noffrilek<br>Għax ġejt fi ħdan l-imrar. |
| Balthasar | Nagħrfek bħal Alla - u nċens noffrilek<br>Mill-ifjen fwejjah ta' din l-art. |
| Mel, Balt, Gasp | Alla u Bniedem<br>Int Sultan tas-slaten<br>Aħniena jkollok mill-bnedmin. |
| KULĦADD | Glorja 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet etc. |

TMIEM.